# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-5 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 606/2021 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**SB**

**Vs**

**PC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' SB datat 9 ta' Diċembru 2021 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu gewwa Malta fit-30 ta' Gunju tas-sena 2012 (Dok. SB1) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;*

*Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Dottor Christine Abela fit-8 ta' Awissu tas-sena 2016 (Ara Dok. SB2);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom separati legalment ghal aktar minn hames (5) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi inoltre l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament milli jircievu manteniment minghand xulxin, hekk kif jidher mill-klawzola numru erbgha (4) tal-kuntratt anness;*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' PC datata 16 ta' Frar 2022, a fol 15 et seqq, li taqra hekk:

1. *Hija taqbel mal-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tad-9 ta' Dicembru 2021; il-kontendenti infirdu personalment permezz ta' att pubbliku datat 8 ta' Awwissu 2016 in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela, ma hemm ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom, u kif premess mir-rikorrenti stess, kull jedd ghall-manteniment gie debitament rinunzjat.*

2. *Tenut kont ta' dan, u tenut ukoll tad-dispost tal-Artikoli 66B, 66C u 66D(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-istanti jaqbel mal-pronunzjament tad-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg, bejn il-kontendenti celebrat fit-30 ta' Gunju 2012; dan purche' jibqghu immutati d-drittijiet kollha taghha naxxenti mill-att pubbliku datat 8 ta' Awwissu 2916 in atti tan-Nutar Dottor Christine Abela*

3. *In vista tal-premess, u partikolarment in vista tal-fatt illi kien ir-rikorrenti 'lli ghazel li jipprocedi f'din l-istanza, hija ma ghandha tbati ebda spejjez gudizzjarji relattivi ghall-proceduri odjerni.*

4. *L-esponenti qieghda tikkonferma l-kontenut ta' din ir-risposta bil-gurament taghha permezz ta' affidavit hawn unit u mmarkat Dok. 'PC.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-intimata datata 16 ta' Frar 2022, a fol 17 li permezz taghha ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduci jew trattazzjoni x'taghmel u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat in-nota tal-attur datata 18 ta' Frar 2022, a fol 18 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu;

**Ikkonsidrat:**

**SB xehed** (vide affidavit fol 19) illi l-kontendenti zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2012 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Awwissu 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Christine Abela. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament li jircievu jew jivversaw manteniment.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 16) u kkonfermat u kkorraborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-***

*divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 1566/2012 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 2). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Christine Abela nhar it-8 ta' Awissu 2016 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 3 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1566/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**